

# Tislima lil Nenu

**Dr John Baptist Gauci**



Ftit tal-ġimgħat ilu, propjament fil-bidu ta' Ġunju, ħalliena Carmel Fenech, jew kif jafu kulħadd, Nenu. Kienet bħal sajjetta fil-bnazzi, aħbar li żgur ma kien qed jistennieha ħadd. Fil-bidu ta' dik l-istess ġimgħa kien għadni kif kellimtu, għax bħal kull nhar ta' Tnejn, il-kunċert tal-banda ma kien jitilfu tista' tgħid qatt, sakemm mhux forsi fula f'qargħa. U kont inzertajtu wkoll darba oħra dik il-ġimgħa, darba filgħaxija, għaddej bil-pass mill-Pjazza tal-Parroċċa, waqt li jien kont nieżel sal-każin bil-karozza… tislima qasira u kulħadd għal triqtu.

Raġel pjuttost riservat, mhux ta' wisq kliem, imma ngħid għalija dejjem kien isellem u fejn jarani kien il-biċċa l-kbira jieqaf biex ngħidu kelma ta' malajr, xejn fit-tul, ħafna mid-drabi biex jgħidli li kien ġej jew sejjer sa fejn iz-ziju tiegħi, u jtarrafli xi ftit b'aħbaru. Fuq nota personali, li żgur nista' ngħid hu li kien raġel ta' rispett kbir. Kien juri interess ġenwin fil-ġenituri tiegħi u dejjem kien jibgħat iselli għalihom miegħi.

Lil Nenu kien ilni nafu snin twal. Barra li nafu tista' tgħid minn dejjem idoqq il-klarinett mal-Banda Imperial, niftakru wkoll isuq il-karozza tal-linja. Ta' tifel li kont, nistqarr li ma tantx kont intir bil-ferħ meta kont ninzertah fuq xi vjaġġ mill-Mellieħa sal-Belt, jew bil-kontra, għax il-vjaġġ kien bħal donnu ma jispiċċa qatt. Madankollu dejjem wasalna bis-sliema u xi kelma fuq il-banda li tant kellu għal qalbu, jew fuq xi marċ, jew meta toqrob il-festa fuq l-innu l-kbir, ma kinitx tonqos! Għax l-innu ad unur Marija Bambina li l-Banda Imperial iddoqq ta' kull sena fil-festa tal-Bambina kien għal qalbu wisq.

Ninsab ċert li f'dawn il-jiem tal-festa tant għażiża tagħna, Nenu ħa jkun qed ikanta l-versi tal-innu din id-darba mhux minn fuq il-planċier jew, kif kellna nagħmlu dawn l-aħħar sentejn minħabba l-pandemija, minn fuq il-bejt tal-każin, imma minn ferm iktar viċin ommna Marija, li hu kien tant devot tagħha.

Strieħ fis-sliem, Nen!

**Ningħaqdu mad-Dinja kollha ħalli nagħtu qima lill-**

**IMQADDSA VERĠNI MARIJA**

**f'għeluq sninha nhar it-8 ta' Settembru.**

**Agħtiha r-Rużarju bħala rigal**

**"Mur u pprietka r-Rużarju u l-għadu ta' kull ġid jiġi mirbuħ." -** il-Madonna lil San Duminku

**"Wieħed mill-mezzi l-iżjed tajba biex naslu li nbiddlu ħajjitna m'huwiex ħaġa oħra ħlief ir-reċita tar-Rużarju."** - Papa Ljun XIII